# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIENI KTIEB TA' L-1929

## IL-LSIEN MALTI

### ORTOGRAFIJA WAĦDA

### MEĦTIEĠA BĦALL-ĦOBŻ.

Minn xi snin il-hawn il-Malti qiegħed jaqbad sewwa: din ħaġa li tara l-għajnejn. Ħbieb li jgħożżuh, jaħdmuh, jorqmuh, għandu aktar milli kellu ħabtiet oħra: xi wħud li l-Malti ma kienx għal qalbhom, jew għax qatt ma kienu għarfuh jew għax mogħwijin għalih, il-lum, li bdew jaraw ġmielu u jduqu l-benna ta' kelmtu, jekk ma sarux ħbieb tiegħu, xi ftit ħlew, u fejn jixraq, dik ittbissima ċkejkna ma jiċħduhielux. Jarġa', il-ħieġ u xxewqa li wieħed ifisser qalbu u ħsiebu lil ħutu l-Maltin bil-lsien ta' pajjiżu, qiegħda toktor bis-sigħat, u l-għadd ta' kotba u ta' ħarġiet oħra ta' darba jew tnejn fix-xahar, ta' kull ġimgħa, jew ta' kulljum jati tal-kliem li għedt xhieda l-iżjed sabiħa.

Dana ma jiħsserx illi kull ma qiegħed jinkiteb u jixtered hu xogħol ta' għerf, ta' sengħa, ta' fejda, jew ta' ġmiel barrani li jista' joqgħod ma' ġenb dak ta' bnadi oħra aktar il-quddiem minn'na u aktar qodma u mħarrġin fil-ħajja letterarja: bil-maqlub, iwaġġagħna ngħidu illi ħafna ħsieb u saħħa u żmien qegħdin jintilfu f'kotba u f'artikoli fiergħa bħall-bżieżaq tas-sapun, jekk ukoll ma jintilfux f'kitba li mhux li ma tgħinx,

imma tfixkel ix-xejra letterarja li qiegħed jieħu l-lsien malti.

B'dan kollu xi ħwejjeġ tajbin, qalb ħafna kajmani u ħaffiefa, jidhru, u ma tistàx ma tifraħx meta tara b'liema mħabba xi żgħażagħ għaqlin xteħtu jgħannu b'versi li ma' humiex ta' min jarmihom, xi tifkiriet tal-ġrajja ta' pajjiżna u xi xejriet ġodda fil-ħaj a tal-Maltin tal-lum: u turi pass il-quddiem fis-sengħa tal-kitba maltija il-ħabta li għandhom xi wħud biex jinsġulek xi bozzett, xi ħrafa, xi ħlieqa, bi kliem li joħroġ safi u ħieles mill-pinna bħal ma jfawwar l-ilma mill-blata. Anqas jonqsu xi kotba ta' fejda għas-subien li jridu jitgħallmu xi sengħa sabiħa, bħal ma hi l-fotografija u l-ħdim ta' l-elettriċità.

Iżda hemm ħaġa ħażina fil-kitba maltija; ħaġa li flok ma tiġbor u twaħħad il-ħsebijiet u l-fehmiet tal-kittieba maltin biex tgħaqqad u ssaħħaħ il-wirt tan-nazzjon, iżżomm il-għelejjel kollha letterari magħżulin u u mxerrda u għalhekk bla ġmiel u bla saħħa. Din il-ħaġa ħażina hi *in-nuqqas* ta' Ortografija waħda. Jista' ikollok ħodon ġawhar; minngħajr il-ħarira li ddommu qatt ma jieħu l-ġmiel u l-ħajr tal-ħannieqa.

Ħaġa li tbikkik! Erba' kittieba mill-aħjar jaqilbu fil-Malti kotba ta' l-Iskrittura, l-erba' jagħirfu r-reqqa li jitlob dan ix-xogħol, u l-ebda wieħed ma jaqbel ma' l-ieħor fl-ortografija!

U x'kien, kull wieħed mill-kitiieba tal-Malti jaqbel għall-inqas miegħu n-nifsu?! Issib xi drabi fi ktieb wieħed, u f'paġna waħda kliem issa miktub għamla, issa miktub għamla oħra, li juri fid-dieher li l-kittieb jew ma beniex l-ortografija tiegħu fuq sisien tajba, jew ma kienx għaqli biż-żejjed biex jagħżel it-tajjeb li ħejja ħaddieħor, inkella, bħal ma jiġri sikwit, kiteb fuq li qaltlu il-widna bla ma fittex xejn iżjed.

Ma jitwemminx, imma minnu, illi fil-waqt li ħafna mill-kittieba tagħna jiħtaru qatigħ żmien—xi drabi xhur u xi drabi snin—fit-tħejjija ta' dak li jridu jgħidulna, ma jiħtaru l-ebda żmien u ma jieħdu l-ebda ħsieb biex jitgħallmu kif jixraq il-lsien li bih iridu jiktbu, u minn fuq j.dhrilhom illi l-lsien malti, miktub kif-inhu miktub, imħassar kif-inhu mħassar, għandu dejjem jiftiehem.

X'nibdew insejħulha din il-fehma ma nafux. Iġġiblek ħjiel ta' njuranza; iżda drabi dawn il-kittieba ma jistħoqqilhomx dan l-isem: taħsibha bruda; imma xi drabi tara illi min jikteb fil-kitba tiegħu ma hu xejn biered, bil-maqlub għandu ħeġġa li taħraq: tixbaħ lillgħażż; iżda xi drabi il-ktieb li joħorġu jkun swielhom lil dawn il-kittieba snin sħaħ ta' xogħol tar-reqqa, tħittix, ġabra ta' materjal, tibdil, tifsir u x'nafu aħna x'iżjed. Il-ħtija ta' dan il-għawġ għandha tkun ix-xejra li ttieħdet fiż-żmenijiet l-ingħoddija meta t-tagħlim kien ftit u ħafif, u meta ħadd ma kien għadu jobsor illi il-Malti jista' jidħol fl-iskejjel u jsir il-għodda—u għodda tajba—li biha jitfissru ħwejjeġ oħra—xejra u drawwa ħażina li jaħasra laħqet niżżlet għeruq ħoxnin li l-lum ma jinqatgħux ħlief bil-mannara.

Sa kemm il-malti ma jinkitebx minn kullħadd għamla waħda, ftit tista' tfejjed il-kitba maltija.

*Ortografija waħda* fil-lsien malti *meħtieġa bħallħobż.*